**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 11 ta' Lulju 2001**

**Numru** 5
**Citaz. Nru.** 845/91 FD

**Saviour Bonnici**

**vs**

**Natalie Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi bejn is-26 ta' Gunju 1991 u t-2 ta' Lulju 1991 l-konvenuta bil-mohbi ta' l-attur nezzeghtu mill-pussess t' oggetti li kienu jinsabu fid-dar konjugali go flat numru sitta (6) Belleview Flats, Triq is-Sghajtar, Mosta, liema oggetti jikkonsistu fis-segwenti:

1) Kenwood bl-accessorji;
2) Sitt frames tal-fidda;
3) Erba' qsari;
4) Makna tal-hjata;
5) Diary u fotokopji rilevanti ghal kaz ta' separazzjoni;
6) Tlett settijiet tac-china tat-te`, cafe` u sherry;
7) Dinner set;
8) Rigali tat-tieg f'forma ta' kuccarini tal-fidda;
9) Typewriter;
10) Set borom stainless steel;
11) Kotba;
12) Album tar-ritratti, wiehed taz-zwieg, iehor tat-tifla tal-maghmudija u album iehor tat-tifla;
13) Kollezzjoni ta' ritratti tal-familja;
14) Kollezzjoni ta' ritratti personali ta' l-attur;
15) Diversi wall hangings u frames;
16) Laundry bin bil-lozor u investi;
17) File shih ta' dokumenti dwar il-flat;
18) Boards ta' l-injam;
19) Cwievet ghal bibien kollha nkluza l-washroom ta' Belleview Flats, No 6 Saghjtar Road, Mosta;
20) Hwejjeg;
21) Passaporti;
22) Casio Transformer tal-pjanu;
23) Samobar.

Premess illi l-attur kellu l-pussess ta' l-oggetti imsemmija, u ghalhekk il-konvenuta kkommettiet spoll fil-konfront teghu, kif jindika rapport fl-Ghassa tal-Mosta.

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuta kkommettiet spoll fil-konfront ta' l-attur billi nezzeghtu mill-pussess tas-segwenti oggetti;

2. Tikkundanna u tordna li l-konvenuta fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti ggib kollox fl-istat pristinu tieghu u b'hekk tordna l-konvenuta tiehu lura fid-dar konjugali 6 Belleview Flats, Triq is-Sghajtar Mosta l-oggetti mobbli li hadet u cioe':-

   1) Kenwood bl-accessorji;
   2) Sitt frames tal-fidda;
   3) Erba' qsari;
   4) Makna tal-hjata;
   5) Diary u fotokopji rilevanti ghal kaz ta' separazzjoni;
   6) Tlett settijiet tac-china tat-te`, cafe` u sherry;
   7) Dinner set;
   8) Rigali tat-tieg f'forma ta' kuccarini tal-fidda;
   9) Typewriter;
   10) Set borom stainless steel;
   11) Kotba;
   12) Album tar-ritratti, wiehed taz-zwieg, iehor tat-tifla tal-maghmudija u album iehor tat-tifla;
   13) Kollezzjoni ta' ritratti tal-familja;
   14) Kollezzjoni ta' ritratti personali ta' l-attur;
   15) Diversi wall hangings u frames;

16) Laundry bin bil-lozor u investi;
17) File shih ta' dokumenti dwar il-flat;
18) Boards ta' l-injam;
19) Cwievet ghal bibien kollha nkluza l-washroom ta' Belleview Flats, No 6 Saghjtar Road, Mosta;
20) Hwejjeg;
21) Passaporti;
22) Casio Transformer tal-pjanu;
23) Samobar.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi fiha hija ecceppiet:-

1. In-nullita` tac-citazzjoni stante li c-citazzjoni ma gietx ipprezentata fi zmien xahrejn mill-allegat spoll;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-oggetti elenkati huma kollha proprjeta` tal-konvenuta;

Ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat il-Verbali ta' din il-kawza li jindikaw illi kienet qed tinstema' flimkien mal-kawza l-ohra bejn l-istess kontendenti li ggib in-numru 843/91 u li qeghda tigi deciza illum stess;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur ipprezenta din ic-citazzjoni biex il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta kienet ikkommettiet spoll fil-konfronti tieghu meta hija nezzaghtu mill-pussess ta' l-oggetti elenkati fl-istess citazzjoni;

Illi din hi wahda minn diversi kawzi ta' spoll ipprezentati mill-kontendenti wara li nqala' l-inkwiet matrimonjali bejniethom u z-zewg partijiet jaghmlu alegazzjonijiet reciproci li l-parti l-ohra hadet oggetti ghaliha, u b'hekk spossessat lil parti l-ohra. Mill-provi ma irrizultax li kien hemm l-elementi rikjesti biex tkun tista' tintlaqa' talba simili;

Illi l-Qorti taghmel ampja referenza ghad-decizjonijiet moghtija illum fil-kawzi l-ohra bejn il-kontendenti u l-aktar dik dwar it-talba ghal separazzjoni li tolqot l-oggetti imsemmija li l-konvenuta tallega li huma proprjeta` taghha u mhux tal-komunjoni;

Illi l-oggetti in kwistjoni jidher li kienu fid-dar matrimonjali li precendentement kienu jghixu fiha iz-zewg kontendenti flimkien ma' binthom u dawn l-oggetti jiffurmaw kollha parti mill-beni konsiderati fl-ezami tal-beni parafernali u tal-komunjoni fil-kawza ta' bejn il-kontendenti dwar is-separazzjoni li ggib in-numru 843/91 u li qeghda tigi deciza illum.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li taghmel ampja referenza ghas-sentenzi moghtija illum fil-kawzi bejn il-kontendenti u senjatamment dik fl-ismijiet inversi Citazzjoni numru 843/91;

Tichad l-Ewwel Domanda tac-Citazzjoni;

U, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Domanda tac-citazzjoni odjerna.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur